

Brussell, 25 ta' Novembru 2016
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0359 (COD)**

14875/16
ADD 2

JUSTCIV 310
EJUSTICE 191
ECOFIN 1120
COMPET 617
EMPL 500
IA 120
CODEC 1744

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Novembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 358 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar oqsfa ta' ristrutturazzjoni preventiva, ċans ieħor u miżuri biex tiżdied l-effiċjenza tar-ristrutturazzjoni, l-insolvenza u l-proċedura ta' kwittanza u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2016) 358 final.

Mehmuż: SWD(2016) 358 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 22.11.2016
SWD(2016) 358 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar oqsfa ta' ristrutturazzjoni preventiva, ċans ieħor u miżuri biex tizzied l-effiċjenza tar-ristrutturazzjoni, l-insolvenza u l-proċedura ta' kwittanza u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE

{COM(2016) 723 final}
{SWD(2016) 357 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt ta' Proposta għal Direttiva dwar oqfsa ta' ristrutturazzjoni preventiva, ċans ieħor u miżuri biex tiżdied l-effiċjenza tar-ristrutturazzjoni, l-insolvenza u l-proċeduri ta' kwittanza u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE

A. Bżonn ta' azzjoni

Għaliex? X'inhom l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Il-proposta tindirizza l-problemi prinċipali li ġejjin: (i) opportunitajiet mitlufa u spejjeż iġġenerati mill-ostakli għall-investment transfruntier relatat mal-oqfsa tal-insolvenza, (ii) benfiċċji mitlufa u spejjeż addizzjonali għall-kredituri u d-debituri relatati mal-likwidazzjonijiet ta' kumpaniji vijabbli, (iii) opportunitajiet mitlufa u spejjeż addizzjonali għal persuni fiżiċi relatati mal-ineffiċjenzi fl-oqfsa tal-insolvenza fir-rigward ta' bidu ġdid.

Dawn il-problemi ġejjin minn differenzi fis-sett ta' regoli li jirrigwardaw: (a) ir-regoli dwar il-possibbiltà ta' ristrutturazzjoni minn stadju bikri, (b) regoli dwar sospensjoni ta' azzjonijiet ta' eżekuzzjoni (moratorju), (c) regoli dwar debitor bil-pussess, (d) regoli dwar it-tnejn u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ristrutturazzjoni, (e) regoli dwar il-forniment ta' finanzjament ġdid waqt ir-ristrutturazzjoni, (f) l-intensità u l-kwalità tal-involvement tal-qrati u tal-amministraturi tal-insolvenza, (g) regoli dwar ir-ristrutturazzjoni tad-dejn għal persuni fiżiċi, inklużi kwittanza u ċans ieħor.

Id-differenzi bejn oqfsa ta' ristrutturazzjoni u ta' ċans ieħor tal-Istati Membri jġġeneraw inċertezza tad-dritt kontinwa, spejjeż addizzjonali għall-investituri għall-valutazzjoni tar-riskji tagħhom, u ostakli persistenti għar-ristrutturazzjoni effikaċi ta' kumpaniji vijabbli fl-UE, inklużi gruppi ta' intrapriżi transfruntieri.

X'inhom mistenni li tikseb din l-inizjattiva?

Għanijiet ġenerali:

1. It-tnaqqis tal-ostakli għall-investment transfruntier li huma relatati mar-ristrutturazzjoni u mal-oqfsa tal-insolvenza u ż-żieda tal-investment u l-opportunitajiet tax-xogħol fis-suq intern
2. It-tnaqqis tal-għadd ta' likwidazzjonijiet bla bżonn ta' kumpaniji vijabbli u ż-żieda tal-possibilitajiet ta' ristrutturazzjonijiet transfruntieri fis-suq intern
3. It-tnaqqis tal-ispejjeż u ż-żieda tal-opportunitajiet għal imprendituri onesti biex jingħataw bidu ġdid.

B'mod ġenerali, l-inizjattiva għandha l-għan li tarmonizza ċerti aspetti ta' dispożizzjonijiet ta' ristrutturazzjoni u ta' ċans ieħor.

X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jiżguraw li s-sistemi ta' insolvenza u ristrutturazzjoni tagħhom se jkunu kompatibbli. Suq intern tal-UE li jaħdem sew jeħtieġ qafas koerenti ta' ristrutturazzjoni u ta' ċans ieħor, li jkun jista' jindirizza d-dimensjoni transfruntiera tal-kumpaniji, peress li l-interazzjoni bejn il-kumpaniji minn Stati Membri differenti qed issir dejjem iktar komuni. Azzjoni tal-UE żżid il-valur billi tiffaċilita l-investment transfruntier fl-UE, tiżgura li negozji vijabbli b'diffikultajiet finanzjarji jibbenefikaw minn għażla ikbar ta' għodod aċċessibbli bl-għan li tkun prekluziva l-insolvenza tagħhom; fl-istess ħin, l-imprendituri jgawdu mill-possibbiltà li jużaw perjodi ta' kwittanza raġonevoli fl-Istati Membri tagħhom. Ir-regoli proposti se jgħolqu ċertezza tad-dritt għall-kredituri u l-investituri li jkunu jridu jsejlfu fi Stati Membri oħra.

B. Soluzzjonijiet

X'opzjonijiet ta' politika leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva tqiesu? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Tqiesu l-opzjonijiet ta' livell għoli li ġejjin:

Opzjoni 1: Jinżamm l-*status quo* (xenarju ta' referenza)

Opzjoni 2: Jitwaqqfu proċedura ta' ristrutturazzjoni preventiva kompletament armonizzata u qafas ta' ċans ieħor

Opzjoni 3: Tiġi introdotta sistema alternattiva, fakultattiva tal-UE għar-ristrutturazzjoni u ċans ieħor

Opzjoni 4: Jitwaqqaf qafas legali minimu armonizzat fil-qasam tar-ristrutturazzjoni u ta' ċans ieħor għall-

Imprendituri

Biex jinkisbu l-objettivi ta' hawn fuq, huma previsti bosta subopzjonijiet sustantivi. Dawn is-subopzjonijiet sustantivi jinkludu (i) li jkun jista' jkun hemm possibilitajiet effikaċi ta' ristrutturazzjoni bikrija, (ii) titjib fil-possibilitajiet ta' negozjar billi d-debitur jithallielu f'it żmien biex jirkupra permezz ta' sospensjoni tal-azzjonijiet eżekutorji (moratorju), (iii) faċilitazzjoni tal-kontinwazzjoni tan-negozju tad-debitur waqt ir-ristrutturazzjoni, (iv) li azzjonisti u kredituri f'minoranza li ma jaqblux ma jitħallew x jipperikolaw l-isforz għar-ristrutturazzjoni filwaqt li jitħarsu l-interessi tagħhom, (v) żieda fil-possibilitajiet ta' suċċess tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, (vi) żieda fl-effikaċja u tnaqqis fit-tul tal-proċeduri ta' ristrutturazzjoni, ta' insolvenza u ta' ċans ieħor, (vii) li l-kwittanza għall-impredituri tkun tista' ssir f' iżmien raġonevoli (3 snin).

Min jappoġġa liema opzjoni?

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw l-objettivi tal-Kummissjoni li ttejjeb l-oqfsa ta' ristrutturazzjoni bikrija u ta' ċans ieħor, imma jinsistu li l-armonizzazzjoni għandha tibqa' fil-livell tal-prinċipji minħabba rabtiet kumplessi ma' oqsma oħra tal-liġi bħal-liġi dwar il-kumpaniji. Fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati, l-organizzazzjonijiet tan-negozju, l-assoċjazzjonijiet tal-professjonisti, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, it-Trade Unions u l-akkademiċi kienu b'mod ġenerali favorevoli għal regoli armonizzati minimi dwar ir-ristrutturazzjoni bikrija u approċċ ta' ċans ieħor u laqgħu l-idea ta' qafas effikaċi u (kost)effiċjenti tal-UE għall-insolvenza biex jiġu salvati negozji vijabbli. Huma enfasizzaw ukoll li għandu jkun previst approċċ ibbilinċjat li jħares l-interessi tal-partijiet ikkonċernati kollha u li jipprekludu perikli morali. Madankollu, is-settur bankarju u xi partijiet ikkonċernati oħrajn kienu tal-fehma li l-kwittanza tal-konsumatur ma għandhiex tkun koperta minn din l-inizjattiva. Il-Parlament Ewropew jappoġġa l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tar-ristrutturazzjoni u jenfasisza l-iżgurar ta' ċans ieħor lill-persuni fiżiċi kollha.

C. Impatti tal-opzjoni ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta?

L-opzjoni ppreferuta ssaħħaħ il-prospetti ta' twettiq ta' għadd ikbar ta' ristrutturazzjonijiet ta' gruppi transfruntieri, li bħalissa l-ispejjeż biex isiru huma projbittivi. L-impatti jistgħu jkunu potenzjalment sinifikanti f'bosta Stati Membri (BG, DK, SK, SI, HR, CY, EE, IE, LT, LU, NL, PL, RO). Dan iwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' impjegji mitlufa minħabba insolvenza (bħalissa huwa stmat li huwa 1,7 miljun impjegġ fis-sena). Proċeduri preventivi effikaċi jwasslu għal tnaqqis iktar malajr fl-ingranaġġ ta' self improduttiv. Minbarra relazzjoni negattiva sinifikanti bejn it-tnaqqis fl-ingranaġġ korporattiv u t-tkabbir tal-PDG (tnaqqis ta' punt perċentwali fil-proporzjon tad-dejn mal-assi finanzjarji jwassal għal madwar 0,4 punti perċentwali ta' inqas tkabbir tal-PDG), l-opzjoni ppreferuta għandha twassal għal żidiet fir-rati ta' rkupru li, min-naħa tagħhom, iwasslu għal kostijiet iktar baxxi tas-self (żieda ta' 10 punti perċentwali fir-rata ta' rkupru mistennija hija assoċjata ma' waqgħa ta' 37 punt bażi fil-marġni tal-bonds). L-opzjoni ppreferuta se żżid ir-rata ta' impjegġi indipendenti, peress li t-tnaqqis tal-perjodu ta' kwittanza jżid ir-rata ta' impjegġi indipendenti fl-Istati Membri, bħall-HU, IT, LT, MT, PT u RO fejn il-perjodi ta' kwittanza huma itwal minn 3 snin. X'aktarx li minħabba f'hekk jinħoloq 3 miljun impjegġ ġdid.

X'inhuma l-kostijiet tal-opzjoni ppreferuta?

Xi Stati Membri se jkollhom idaħħlu fis-seħħ proċedura preventiva jew proċedura li twassal għall-kwittanza tad-dejn, jew jadattaw proċedura nnotifikata diġà skont l-Anness A tar-Regolament dwar l-Insolvenza. Jista' jkun hemm bżonn ta' xi bidliet fid-dritt tal-kumpaniji biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet dwar il-pożizzjoni tal-azzjonisti fir-ristrutturazzjoni.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-opzjoni ppreferuta tnaqqas l-ispejjeż tar-ristrutturazzjoni tal-SMEs, permezz ta' miżuri bħat-tnaqqis tal-involviment tal-qorti, it-tnaqqis tal-istanzi fejn ikunu jridu jitqabdu Prattikanti, il-provvista ta' pjanijiet ta' ristrutturazzjoni mudelli nazzjonali. Kreditu transfruntier lill-SMEs se jsir aktar aċċessibbli: proċedura ta' ristrutturazzjoni effikaċi tippermetti lill-SMEs jirkupraw iktar milli fil-każ tal-insolvenza tad-debitur, peress li r-rati ta' rkupru tal-kredituri jkunu ġeneralment ogħla meta l-qafas tal-insolvenza jippermetti ristrutturazzjoni bikrija u effikaċi tal-kumpaniji vijabbli u soluzzjoni malajr għal dawk mhux vijabbli. Kundizzjonijiet aħjar għal bidu ġdid wara falliment se jnaqqsu r-rata ta' mortalità tal-kumpaniji u l-effetti kollaterali negattivi ta' insolvenzi relatati fil-katina tal-provvista. Se jkunu mħeġġa l-intraprenditorija u l-innovazzjoni.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Le. L-Istati Membri fejn il-proċeduri preventivi jew il-proċeduri li jwasslu għal kwittanza jkunu introdotti għall-ewwel darba jista' jkollhom jipprovd u taħriġ għall-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tagħhom u possibbilment għall-prattikanti wkoll. Dawn l-ispejjeż tat-taħriġ huma ta' darba u jiġu xi EUR 950–1300 għal kull imhalled f'dawk il-pajjiżi fejn tkun qed tintuża proċedura preventiva għall-ewwel darba. L-Istati Membri li bħalissa mhumiex qed jiġbru d-*data* mhux se jkollhom idaħħlu fis-seħħ għodod ta' għbir tad-*data* bħal dawn, imma l-ispejjeż x'aktarx li ma jkunux għoljin jekk il-proċeduri huma diġà diġitalizzati. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri diġà qed jintroduċu diġitalizzazzjoni tal-proċeduri bħala parti mill-inizjattivi tal-gvern elettroniku.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Le.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

5 snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.